Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Antonio Borg *versus* Nazareno Bugeja**

## Kompetenza.

*Jekk il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tkun iddeċidiet li kawża hija "ratione valoris" ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, din il-Qorti, di fronti għal dik id-deċiżjoni, ma għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tal-kompetenza tagħha jekk quddiemha tiġi sollevata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha; imma għandha tieħu konjizzjoni tal-kawża, għax hija vinkolata minn dik id-deċiżjoni.*

*Kien ikun divers il-każ kieku dik id-deċiżjoni ma kienetx tal-Qorti ta' l-Appell, imma ta' Qorti oħra; għax allura l-Qorti Inferjuri ma kienetx tkun konfrontata b'sentenza ta' l-Appell, u kienet tkun perfettament ġustifikata li tiddeċidi hija l-kwistjoni dwar il-kompetenza tagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur fejn, wara li ppremetta li, billi huwa kellu f'idejh b'kiri l-fond nru. 29 Quarries Square, Santa Venera, li fih huwa kien jeżerċita l-mestjer tiegħu ta' mastru-laxxa, u fih kellu l-bankijiet u l-għodda meħtieġa għal daka l-mestjer; u billi l-konvenut ried dak il-fond biex jużah għax-xogħol ta' dolċier; u billi bejn il-partijiet sar ftehim fis-sens illi l-instanti jitlaq il-post u jagħti l-kunsens tiegħu biex sid il-post jikrieh lill-konvenut, kif effettivament sar; u billi dak il-ftehim sar taħt il-patt illi l-konvenut fil-kors tal-lokazzjoni jżomm f'dak il-post, mingħajr ebda kumpens, il-bankijiet u l-għodda fuq imsemmija li kellu fih qabel ma sar il-ftehim fuq imsemmi; u billi l-konvenut naqas minn dak il-ftehim, billi rrifjuta li josserva l-patt fuq imsemmi; talab li jiġi annullat u rexiss il-ftehim fuq imsemmi, u jiġi dikjarat u deċiż illi huwa għandu konsegwentement id-dritt li jiġi reintegrat fil-lokazzjoni li kellu qabel tal-post fuq imsemmi mis-sid tiegħu, avvolja l-konvenut jopponi għal dina r-reintegrazzjoni. B'riżerva ta' azzjonijiet oħra kontra l-konvenut, u bl-ispejjeż;

Rat fil-fol. 4 tal-proċess li l-konvenut eċċepixxa l-inkompetenza tal-Qorti "ratione valoris", u li fil-meritu huwa ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur, salvi eċċezzjonijiet oħra; kif ukoll li Dr. Borg Grech għall-attur għamel riferen-

ża għall-kawża fl-istess ismijiet deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru 1949:

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-21 ta' Jannar 1950, minn fejn jidher li dik il Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti "ratione valoris" li tieħu konjizzjoni tal-kawża, u mħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ ordnat li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat:

Illi skond l-art. 748 (2) (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur, u anqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikolu li jsegwi, jitqiesu dejjem li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat u ma humiex ta' kompetenza ta' qorti ta' kompetenza limitata; illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq imsemmija kkonfermat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mogħtija fid-29 ta' April 1949, li biha ġiet akkolta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut f'dik il-kawża, billi jirriżulta illi l-kera tal-post kien bil-£1 fix-xahar u ma kienx determinat it-terminu tal-lokazzjoni; li bid-deferenza kollha lejn dik il-Qorti hija kienet tal-fehma illi l-oġġett ta' l-azzjoni ta' l-attur fil-kawża ma kienx jivverti fuq il-lokazzjoni tal-post in kwistjoni, imma, kif jingħad espliċitament fid-domanda, oltre d-dritt li l-attur jiġi reintegrat fil-lokazzjoni li kellu qabel, tikkomprendi anki r-rexissjoni tal-ftehim li l-attur, tajjeb jew ħażin, jippretendi li kien sar bejn il-kontendenti qabel ma l-kera għadda għall-konvenut, u li daka l-ftehim fost affarijiet oħra kien jikkomprendi l-obligu li l-konvenut iżomm mingħajr ebda kumpens il-bankijiet u l-għodda ta' mastrudaxxa ta' l-attur—obligu li l-valur tiegħu ma hux determinat fid-domanda u ma jistax jiġi determinat per mezz tal-kriterji dettati fl-art. 749 u ta' wara tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u fl-aħħarnett li tant huwa veru illi l-azzjoni ma tivvertix fuq il-validità jew le tal-lokazzjoni, li sid il-kera anqas ma huwa parti fil-kawża, u li kien għalhekk li dik il-Qorti kienet ta' l-opinjoni li l-valur tal-kwistjoni huwa ndeterminat, u konsegwentement kien jeċċedi l-kompetenza tagħha:

Rat in-nota ta' l-appell tal-25 ta' Jannar 1950 u ċ-ċitazzjoni tiegħu għar-revoka tas-sentenza imsemmija, u sabiex dik il-Qorti tiġi dikjarata kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kaw-

ża, u mbiex l-attijiet jiġu mill-ġdid mibgħutin lura lilhe halli tiġi minnha l-istess kawża trattata u deċiża skond il-liġi; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-proċess kummerċjali nru. 61 ta' l-1949 jidher li l-attur appellant għamel il-kawża fuq l-istess oġġett, u in bażi għall-istess kawżali, quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ; u dik l-istess Qorti, b'sentenza tagħha tad-29 ta' April 1949, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut, iddikjarat ruħha inkompetenti "ratione valoris". Minn dana l-ġudikat l-attur interpona appell lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re (Awla Kummerċjali), u din l-aħħar Qorti, b'sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru 1949, ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, wara li ħasbet u qalet li skond l-att taċ-ċitazzjoni t-talba kienet li, billi l-attur kellu in lokazzjoni l-fond imsemmi u ta l-kunsens tiegħu biex l-istess jiġi mikri mill-konvenut taħt ċerti kondizzjonijiet, li l-konvenut ma osservax, talab li jiġi annullat u rexiss dan il-ftehim u li jiġi dikjarat li l-attur għandu d-dritt jiġi reintegrat fil-lokazzjoni, u billi ma kienx hemm dubju li l-lokazzjoni li minnha jitħaddet l-attur hija mingħajr terminu, l-istess għandha titqies skond kif jitħallas il-kera, li kien jitħallas u ġie li tħallas kull xahar, u dejjem a bażi ta' £1 fix-xahar; u billi l-liġi tgħid espressament li fil-kawżi dwar l-eżistenza jew il-validità ta' kuntratt tal-kiri l-valur jiġi stabilit għaż-żmien tal-kera ta' kull rata, skond l-artikoli 756 u 758 tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili kif interpretat mill-Ewwel Qorti (ara sentenza ta' l-Appell in re "Cassar vs. Balzan" tas-16 ta' Mejju 1949);

Illi minn dana jitnissel ċar li dawk iż-żewġ qrati—waħda minnhom it-tribunal suprem ta' dawn il-Gżejjer—iddeċedew virtwalment, anzi espressament, li l-kawża in kwistjoni kienet tidħol fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta; lil liema Qorti ma setax l-inkartament jiġi rimess għar-raġuni li l-istess bħala inkartament ma jiġix qatt rimess minn Qorti Superjuri għal Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri, skond l-organizzazzjoni tal-Qrati, għalkemm jiġi u għandu jiġi rimess lill-Qorti Superjuri tal-Prima Istanza, li organikament tagħmel mal-Qorti Suprema ta' l-Ap-

pell. Dana però ma jhassarx il-fatt guridiku li l-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tieghu r-Re tista' tiddikjara t-talba kontenuta fi proċess imdaħħal quddiem Qorti Superjuri ta' Prima Istanza—per sè organikament inferjuri ghal dika l-istess Qorti Superjuri ta' l-Appell—ta' kompetenza ta' Qorti organikament inferjuri ghall-Qorti Superjuri ta' Prima Istanza, li hija haġa totalment differenti, m'hemmx bżonn jinghad, ghal daka li ntqal fuq;

Illi huwa wkoll ġuridikament ammess u loġikament sostanzjat li fl-organizzazzjoni taghhom il-Qrati tal-pajjiż huma per sè proċeduralment atti, sija wanda jew l-oħra, li jiehdu konjizzjoni ġuriadizzjonalment u kompetenzjalment ta' kwalunkwe kwistjoni jew talba li tkun tidħol fl-isfera ta' l-attività taghhom skond il-liġi (ara art. 743 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta); u kwindi, jekk talba jew domanda m'hemmx kwistjoni li tidħol f'dika l-isfera, bħal ma hija t-talba preżenti, mhux ġuridikament u loġikament san tippresupponi li l-Qrati kollha ta' l-istess pajjiż, taht iċ-ċirkustanzi li ntqalu, jistghu jirrifjutaw dik l-ammissjoni ghan-nuqqas ta' kompetenza; il-ghaliex allura naqghu fl-assurd li jista' jkun hemm talbiet li ghalihom ir-rikors ghall-ġustizzja jkun ineffikaċi u bla effett;

Illi kien ghalhekk, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, li l-leġislatur haseb li jirregola l-kompetenza tad-diversi qrati minħabba r-residenza presunta tal-partijiet (ara art. 746 tal-Proċedura Ċivili), tal-valur (art. 747 u ta' warajh, kombinat ma' l-artikoli 46 u ta' wara Proċedura Ċivili), tal-Qrati partikulari (ara l-"privilegium fori" art. 773 u ta' wara tal-Proċedura Ċivili), u tax-xorta tal-ħaġa li tkun in kwistjoni (ara art. 32 u ta' wara tal-Proċedura Ċivili); u fl-art. 42 tal-Proċedura Ċivili ikkostitwixxa l-Qorti ta' l-Appell bi tliet Imħallfin, li wieħed minnhom ikun il-President, ghall-appelli mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, mill-Qorti tal-Kummerċ, u mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex u Kemmuna fil-ġurisdizzjoni superjuri taghha, salvi d-dispożizzjonijiet tas-sezzjonijiet 50 u 51 ta' l-istess Kodiċi, u ta' dina l-istess Qorti komposta minn Imħallef wieħed li jkun ta' l-istess Qorti ta' l-Appell, jew ta' Imħallef ieħor maħtur mill-Gvernatur, ghas-smiegh ta' l-appelli kontra s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ghall-Gżira ta' Malta;

Illi skond l-art. 776 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, il-leġislatur ħaseb li meta żewġ qrati jew iżjed jiddikjaraw ruħhom rispettivament inkompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża partikulari, li b'dan kollu tkun ta' kompetenza ta' waħda minn dawk il-Qrati, ikun imiss lill-Qorti ta' l-Appell li tiddeċidi liema waħda minn dawk il-Qrati hija l-Qorti Kompetenti, ukoll jekk ma jkunx sar appell fil-forma ordinarja mid-deċiżjonijiet ta' dawk il-Qrati lill-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija. Minn liema dispożizzjoni jitnissel ċar li (1) hija l-Qorti ta' l-Appell li tiddetermina finalment il-kompetenza, u f'dana l-każ il-prinċipju ta' li "stare decisis" huwa assolut u vinkolanti għal kwalunkwe Qorti, għalkemm daka l-istess prinċipju normalment mhux ta' miżura assoluta, per kwantu, biex Qorti ta' Ġurisdizzjoni Inferjuri tiddipartixxi minn deċiżjoni dwar prinċipji legali ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri, irid ikollha motivi serji ħafna (Appell 15 ta' Diċembru 1939, "Strickland vs. Hunter"); u (2) la darba l-Qorti ta' l-Appell tkun iddikjarat ta' min hija l-kompetenza tat-talba in kwistjoni, ma hemmx bżonn jergħa' jkun hemm rikors lilha sabiex tiddetermina mill-ġdid dik l-istess kompetenza; u l-Qorti li quddiemha ġiet sollevata l-kwistjoni ma kellhiex għalfejn, di fronti għal dika d-deċiżjoni, tidħol fiha;

Illi kien ikun divers il-każ li kieku fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ma ġiex interpost appell; il-għaliex il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ma kienetx tkun allura nstabet konfrontata b'sentenza ta' l-Appell, u kienet tkun perfettament leġittimata tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha. Imma l-każ, kif jidher minn fuq, huwa divers;

Illi tant il-leġislatur ried li jara li talba tkun minn xi Qorti definita, li fl-art. 779 tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, iddispona li meta talba dwar ix-xorta tal-ħaġa tiġi deċiża mill-Qorti tal-Prima Istanza affermativament, kontra dik id-deċiżjoni ma jistax ikun hemm appell—dak li juri li anki fil-każ ta' deċiżjoni, jingħad għall-grazzja ta' argument, żbaljata jew errata, eppure dik il-Qorti li tkun iddeċediet għall-kompetenza tagħha tibqa' sejra bil-kawża; u fit-tieni parti ta' dak l-istess artikolu, fl-ipotesi hemm kontemplata rrihadixxa u reġa' tenna s-setgħa assoluta tal-Qorti ta' l-Appell li tiddeter-

mina l-kompetenza, *kif jitnissel mill-art. 776 tal-Proċedura Ċivili* fuq ċitat;

Illi l-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, b'sentenza tagħha ta' l-14 ta' Awissu 1945, fl-ismijiet "Giuseppe Mifsud vs. Marietta Tonna et.", żammet fermi dawn il-prinċipji; u fuq dan il-punt dika l-istess sentenza ma kienetx ġiet appellata, għalkemm ġiet appellata *fuq punt iehor u konfermata*;

Illi kwindi l-appell jimmerita li jiġi milqugħ, u s-sentenza li kontra tagħha hemm appell għandha tiġi revokata;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-*Pulizija Ġudizzjarja tal-21 ta'* Jannar 1950 fl-ismijiet "Antonio Borg vs. Nazareno Bugeja", billi tiddikjara li dik il-Qorti hija kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża msemmija; u għalhekk terġa' tibgħat lil dik l-istess Qorti l-inkartament ħalli l-kawża tiġi trattata u deċiża fil-meritu;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi *jitħallsu mill-konvenut appellat*.

---